**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Rev. Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

**L-importanza tal-edukazzjoni reliġjuża**

Mons. Arċisqof jixtieq jenfasizza l-importanza tal-formazzjoni reliġjuża fil-ħajja tal-familja. Il-ġenituri għandhom din ir-responsabbiltà li minn meta l-ulied ikunu għadhom żgħar, jgħinuhom biex jikbru fil-fidi bl-eżempju u bil-kelma, u billi jaraw li jirċievu l-formazzjoni meħtieġa (ara *Amoris Laetitia,* 17).

Il-Papa Frangisku jispjega b'mod ċar kif l-edukazzjoni sħiħa tal-ulied hi dmir mill-iktar serju u fl-istess waqt dmir ewlieni tal-ġenituri (ara *Amoris Laetitia,* 84). Il-komunità parrokkjali u l-iskola ma jeħdux post il-ġenituri imma huma kumplimentari għalihom.

Qed issir ħidma kontinwa biex it-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel ikun aġġornat, iwieġeb għall-ħtiġijiet ta' żminijietna u jkun tassew ta' għajnuna għall-istudenti.

Mons. Arcisqof ifakkar lill-ġenituri Kattoliċi li fl-għażliet li jagħmlu fl-edukazzjoni fl-iskola, huma għandhom id-dover li jagħżlu t-tagħlim tar-reliġjon għal uliedhom.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, illum, 4 ta' Lulju 2017.

Lawrence Gatt
Kanċillier

Joseph Galea Curmi
Vigarju Ġenerali